DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1844

tat-28 ta' Settembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 fir-rigward tal-istandards armonizzati għall-pajpijiet industrijali metalliċi, għall-apparati portabbli tat-tifi tan-nar, għall-ittestjar mhux distruttiv, għall-fittings tal-pajpijiet, għall-valvijiet industrijali, għall-bojlers b'tubi tal-ilma, għat-tankijiet u għar-reċipjenti tal-fibra tal-ħġieġ, għall-ġonot tal-espansjoni u għall-valvijiet tas-sistemi ta' refriġerazzjoni u tal-pompi tas-sħana

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġi msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) ta' dik id-Direttiva li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, imsemmija fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) Bl-ittra M/071 tal-1 ta' Awwissu 1994, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) biex ifassal, fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni, l-istandards relatati mal-prodotti u l-istandards ta' natura orizzontali b'appoġġ għad-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dik id-Direttiva ġiet sostitwita bid-Direttiva 2014/68/UE mingħajr ma nbidlu r-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE.

(3) Abbażi tat-talba M/071 u biex jiġi rifless l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, is-CEN irreveda u emenda wħud mill-istandards armonizzati eżistenti. B'mod speċifiku, is-CEN irreveda l-istandards armonizzati EN 3-8:2006/AC:2007, EN ISO 9712:2012 u EN 10253-2:2007 li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2016/C 293/01 ([4]) u dan wassal għall-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 3-8:2021, EN ISO 9712:2022 u EN 10253-2:2021, rispettivament, dwar apparati portabbli tat-tifi tan-nar, ittestjar mhux distruttiv u fittings tal-pajpijiet.

(4) Is-CEN irreveda wkoll l-istandards armonizzati li ġejjin dwar il-bojlers b'tubi tal-ilma li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati permezz tal-Komunikazzjoni 2016/C 293/01: EN 12952-2:2011, EN 12952-5:2011, EN 12952-6:2011 u EN 12952-10:2002. Dan wassal, rispettivament, għall-adozzjoni tal-istandards armonizzati li ġejjin: EN 12952-2:2021, EN 12952-5:2021, EN 12952-6:2021 u EN 12952-10:2021.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

([2]) Id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164).

([3]) Id-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' apparat ta' pressjoni (ĠU L 181, 9.7.1997, p. 1).

([4]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) (ĠU C 293, 12.8.2016, p. 1).

(5) Barra minn hekk, is-CEN irreveda l-istandards armonizzati li ġejjin li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati permezz tal-Komunikazzjoni 2016/C 293/01: EN 13121-1:2003, EN 14917:2009+A1:2012 u EN 12284:2003. Dan wassal, rispettivament, għall-adozzjoni tal-istandards armonizzati li ġejjin: EN 13121-1:2021 dwar tankijiet u reċipjenti tal-fibra tal-ħġieġ, EN 14917:2021 dwar il-ġonot tal-espansjoni u EN ISO 21922:2021 dwar il-valvijiet tas-sistemi ta' refriġerazzjoni u tal-pompi tas-sħana.

(6) Abbażi tat-talba M/071, is-CEN emenda wkoll l-istandards li ġejjin dwar il-pajpijiet industrijali metalliċi, li r-referenzi tagħhom huma inklużi fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1616 ([5]): EN 13480-2:2017, EN 13480-5:2017 u EN 13480-3:2017. Dan wassal, rispettivament, għall-adozzjoni tal-istandards armonizzati, kif emendati, li ġejjin: EN 13480-2:2017/A8:2021, EN 13480-5:2017/A2:2021 u EN 13480-3:2017/A4:2021. Barra minn hekk, is-CEN emenda l-istandard armonizzat EN 12516-2:2014 li r-referenza tiegħu ġiet ippubblikata permezz tal-Komunikazzjoni 2016/C 293/01. Dan wassal għall-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN 12516-2:2014+A1:2021.

(7) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk dawk l-istandards dwar l-apparat ta' pressjoni kif emendati jew riveduti mis-CEN jikkonformawx mat-talba M/071.

(8) L-istandards dwar l-apparat ta' pressjoni kif emendati jew riveduti mis-CEN jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru u li huma msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2014/68/UE. Għalhekk jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(9) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE. Ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 13480-2:2017, EN 13480-5:2017 u EN 13480-3:2017 flimkien mal-emendi tagħhom jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak l-Anness.

(10) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE li huma rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-istandards armonizzati li ġejjin li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati permezz tal-Komunikazzjoni 2016/C 293/01 ġew sostitwiti, riveduti jew emendati: EN 10253-2:2007, EN 12284:2003, EN 12516-2:2014, EN 12952-10:2002, EN 12952-2:2011, EN 12952-5:2011, EN 12952-6:2011, EN 13121-1:2003, EN 14917:2009+A1:2012, EN 3-8:2006/AC:2007 u EN ISO 9712:2012. Għalhekk jenħtieġ li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu inklużi fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616.

(11) Jeħtieġ ukoll li jiġu rtirati r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 13480-2:2017, EN 13480-5:2017 u EN 13480-3:2017 flimkien ma' kwalunkwe emenda tagħhom, ippubblikati permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616, peress li dawn ġew sostitwiti. Għalhekk, jixraq li dawk ir-referenzi jitħassru mill-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(12) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni tal-istandards riveduti jew tal-istandards emendati, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati jiġi differit.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 tiġi emendata skont dan.

(14) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha,

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1616 tas-27 ta' Settembru 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-apparat ta' pressjoni abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 250, 30.9.2019, p. 95).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 hija emendata kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(2) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (1) tal-Anness I għandu japplika mit-3 ta' April 2024.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616 huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru l-entrati 11, 12 u 29;

(2) l-entrati 11a, 12a u 29a li ġejjin jiddaħħlu fil-post xieraq sekwenzjalment skont in-numru tal-entrata:

Nru	Referenza tal-istandard
"11a.	EN 13480-2:2017 Pajpijiet industrijali metalliċi – Parti 2: Materjali EN 13480-2:2017/A3:2018 EN 13480-2:2017/A1:2018 EN 13480-2:2017/A2:2018 EN 13480-2:2017/A7:2020 EN 13480-2:2017/A8:2021"
"12a.	EN 13480-5:2017 Pajpijiet industrijali metalliċi – Parti 5: Spezzjoni u ttestjar EN 13480-5:2017/A1:2019 EN 13480-5:2017/A2:2021"
"29a.	EN 13480-3:2017 Pajpijiet industrijali metalliċi – Parti 3: Disinn u kalkolu EN 13480-3:2017/A3:2020 EN 13480-3:2017/A1:2021 EN 13480-3:2017/A2:2020 EN 13480-3:2017/A4:2021"

(3) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
"51.	EN 3-8:2021 Apparati portabbli tat-tifi tan-nar – Parti 8: Rekwiżiti għall-kostruzzjoni, għar-reżistenza għall-pressjoni u għat-testijiet mekkaniċi għal apparati tat-tifi tan-nar bi pressjoni massima permessibbli daqs jew inqas minn 30 bar, li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' EN 3-7
52.	EN ISO 9712:2022 Ittestjar mhux distruttiv – Kwalifika u ċertifikazzjoni tal-persunal tal-NDT (ISO 9712:2021)
53.	EN 10253-2:2021 Fittings tal-pajpijiet tal-iwweldjar tarf ma' tarf – Parti 2: Azzar mhux illigat u azzar illigat ferritiku b'rekwiżiti speċifiċi ta' spezzjoni
54.	EN 12516-2:2014+A1:2021 Valvijiet industrijali – Saħħa tad-disinn tal-forma – Parti 2: Metodu tal-kalkolu għal forom ta' valvijiet tal-azzar
55.	EN 12952-2:2021 Bojlers b'tubi tal-ilma u installazzjonijiet awżiljarji – Parti 2: Materjali għall-partijiet taħt pressjoni ta' bojlers u aċċessorji

56.	EN 12952-5:2021 Bojlers b'tubi tal-ilma u installazzjonijiet awżiljarji – Parti 5: Kwalità tax-xogħol u kostruzzjoni ta' partijiet taħt pressjoni tal-bojler
57.	EN 12952-6:2021 Bojlers b'tubi tal-ilma u installazzjonijiet awżiljarji – Parti 6: Spezzjoni waqt il-kostruzzjoni, dokumentazzjoni u mmarkar tal-partijiet taħt pressjoni tal-bojler
58.	EN 12952-10:2021 Bojlers b'tubi tal-ilma u stallazzjonijiet awżiljarji – Parti 10: Rekwiżiti għall-apparati ta' sikurezza minn pressjoni eċċessiva
59.	EN 13121-1:2021 Tankijiet u reċipjenti tal-fibra tal-ħġieġ għal użu 'l fuq mill-art – Parti 1: Materja prima – Kundizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni u kriterji tal-aċċettazzjoni
60.	EN 14917:2021 Ġonot tal-espansjoni ta' mniefaħ tal-metall għal applikazzjonijiet ta' pressjoni
61.	EN ISO 21922:2021 Sistemi ta' refriġerazzjoni u pompi tas-sħana – Valvijiet – Rekwiżiti, ittestjar u mmarkar (ISO 21922:2021)"

ANNESS II

Fl-Anness II għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1616, jiżdiedu dawn l-entrati:

"47.	EN 10253-2:2007 Fittings tal-pajpijiet tal-iwweldjar tarf ma' tarf – Parti 2: Azzar mhux illigat u azzar illigat ferritiku b'rekwiżiti speċifiċi ta' spezzjoni	3.4.2024
48.	EN 12284:2003 Sistemi ta' refriġerazzjoni u pompi tas-sħana – Valvijiet – Rekwiżiti, ittestjar u mmarkar	3.4.2024
49.	EN 12516-2:2014 Valvijiet industrijali – Saħħa tad-disinn tal-forma – Parti 2: Metodu tal-kalkolu għal forom ta' valvijiet tal-azzar	3.4.2024
50.	EN 12952-10:2002 Bojlers b'tubi tal-ilma u installazzjonijiet awżiljarji – Parti 10: Rekwiżiti għas-salvagwardji minn pressjoni eċċessiva	3.4.2024
51.	EN 12952-2:2011 Bojlers b'tubi tal-ilma u installazzjonijiet awżiljarji – Parti 2: Materjali għall-partijiet taħt pressjoni ta' bojlers u aċċessorji	3.4.2024
52.	EN 12952-5:2011 Bojlers b'tubi tal-ilma u stallazzjonijiet awżiljarji – Parti 5: Kwalità tax-xogħol u kostruzzjoni ta' partijiet taħt pressjoni tal-bojler	3.4.2024
53.	EN 12952-6:2011 Bojlers b'tubi tal-ilma u stallazzjonijiet awżiljarji – Parti 6: Spezzjoni waqt il-kostruzzjoni; dokumentazzjoni u mmarkar ta' partijiet taħt pressjoni tal-bojler	3.4.2024
54.	EN 13121-1:2003 Tankijiet u reċipjenti tal-fibra tal-ħġieġ għal użu 'l fuq mill-art – Parti 1: Materja prima – Kundizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni u kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni	3.4.2024
55.	EN 14917:2009+A1:2012 Ġonot tal-espansjoni ta' mniefaħ tal-metall għal applikazzjonijiet ta' pressjoni	3.4.2024
56.	EN 3-8:2006 Apparati portabbli tat-tifi tan-nar – Parti 8: Rekwiżiti addizzjonali għal EN 3-7 għall-kostruzzjoni, għar-reżistenza għall-pressjoni u għat-testijiet mekkaniċi għall-apparati tat-tifi tan-nar bi pressjoni massima permessibbli daqs jew inqas minn 30 bar EN 3-8:2006/AC:2007	3.4.2024
57.	EN ISO 9712:2012 Ittestjar mhux distruttiv – Kwalifika u ċertifikazzjoni tal-persunal tal-NDT (ISO 9712:2012)	3.4.2024"